# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Novembru, 2001.**

**Numru 4**

**Avviz numru 1171/98 SM**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Emmanuel Darmanin abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Emmanuel Darmanin.**

**vs**

**Maryanne Theuma.**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fit-12 ta' Dicembru tas-sena 2000, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza li biha ddeterminat ir-responsabbilita' ghall-incident stradali :-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti biex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:

1. Previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, thallas lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited s-somma ta' tliet mija u Lira Maltin u tletin centezmu (LM301.30,0), jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat tas-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited, Emmanuel Darmanin, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u thallas ukoll lill-attur Emmanuel Darmanin is-ssomma ta' ghoxrin Lira Maltin u sebghin centezmu, (LM20.70,0) ammont rapprezentanti d-danni lilu kagunati bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu, piu' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25.00,0) rapprezentanti "excess payment", li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incicent awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Awissu, 1996 ghall-habta tat-8.45 a.m. gewwa Main Street, Mellieha, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni U-2442(M), proprjeta' tal-attur Emmanuel Darmanin u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni IAC-935 liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 t'April, 1998, u dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma dan l-att lis-socjeta' Guardian Insurance, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-3 t'April, 1998, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata it-23 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi hija ma kienitx bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fl-avviz citat stante li ghall-habta de quo kien unikament responsabbli Emanuel Darmanin minhabba negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Darmanin biss;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attura ma sofra ebda danni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti tal-partijiet:

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti tal-procedura odjerna jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi l-kollizjoni in dizamina grat f'Main Street il-Mellieha fl-24 t'Awissu ta' l-1996 ghall-habta tad-8.45 a.m. bejn il-vettura tal-marka Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni U-2442(M) misjuqa mill-attur Emanuel Darmanin u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAC-935 misjuqa mill-konvenuta Maryanne Theuma;

2. Illi l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura taghha mill-villagg tal-Mellieha u riedet iddur mill- "main road" biex tmur hdejn il- "Belleview";

3. Illi iex tindika lill-utenti ohra l-intenzjoni taghha hi xeghelet l-"indicator", waqfet fuq il-linja interrotta li hemm fuq l-'asphalt" f'dik il-parti tat-triq u wara li ivverfikat jekk kienux gejjin vetturi ohra minn quddiem hasset xi hadd imissha bil-karozza;

4. Illi nonostante dan il-konvenuta kompliet bil-manuvra taghha u ipparkjat hdejn il-"Belleview";

5. Illi l-konvenuta ssostni li ma kellha l-ebda hsasra u l-vettura ta' l-attur kellha fanal imkisser u "mudguard" imghaffeg, izda jidhirx li kien hemm hgieg fl-art;

6. Illi l-konvenuta kienet qed issuq quddiem l-attur Darmanin;

7. Illi dan isostni li l-konvenuta mmanuvrat il-vettura taghha f'daqqa wahda u minghajr "indicator" jixghel u b'hekk saret il-kollizjoni;

Ikkonsidrat:
Illi jirrizulta mill-esposizzjoni tal-fatti li l-attur Darmanin kien qieghed isuq f'posizzjoni vantagguza meta pparagunata ma dik tal-konvenuta stante li kellu vizwali ta' dak li kien qieghed jigri quddiemu;

Illi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument id-dubju rigward l-"indicator" imur favur l-attur, pero' jibqa' l-fatt li l-konvenuta kienet

f'posizzjoni ovvja li kienet qed tistenna li jkollha l-opportunita' taqsam il-karreggjata taghha biex tmur fejn kellha tmur;

Illi ghalhekk konducent li gej minn wara ghandu juza dik il-prudenza fis-sewqan li tippermettilu jevita kollizjonijiet inutli bhal dik in dizamina;

Ghaldaqstant tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

L-atturi appellaw minn din is-sentenza. L-aggravju taghhom hu principalment kritika tal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha. Huma nfatti jilmentaw illi biex waslet ghad-decizjoni taghha, l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni unikament u esklussivament ix-xhieda moghtija mill-konvenuta appellata bhal li kieku din kienet l-unika verzjoni moghtija fil-proceduri quddiemha filwaqt li warbet ghal kollox il-verzjoni moghtija mill-attur Emmanuele Darmanin.

L-atturi jissottomettu illi l-verzjoni tal-fatti sostnuta mill-konvenuta kienet wahda mimlija inkonsistenzi u kontradizzjonijiet tant li hi kienet diversi drabi biddlet il-verzjoni kif kien sehh l-incident kemm meta kellmet lill-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz kif ukoll meta ddeponiet quddiem il-Qorti. Mill-banda l-ohra l-appellanti jsostnu l-konsistenza u l-attendibilita' tal-verzjoni minnhom moghtija. Hemm certu fatti li fuqhom jidher li hemm kunsens. Hemm qbil illi l-incident gara waqt illi l-appellant Darmanin "kien qieghed jissorpassa b'mod regolari l-vettura li kienet miexja xi distanza quddiemu, liema vettura kienet misjuqa mill-

konvenuta". Dan il-fatt, ammess mill-appellant l-attur Emmanuele Darmanin, necessarjament ipoggi lill-vettura tal-appellata konvenuta f'dak il-mument quddiemu. Il-konflitt bejn iz-zewg verzjonijiet essenzjalment qieghed fil-verzjoni tal-appellant Darmanin illi s-sorpass ghamlu fil-mument meta l-appellata kienet ghadha qed issuq quddiemu. Din iddecidiet illi ddur f'salt lejn il-lemin taghha biex tidhol fil-parking area quddiem il-Belleview bla ma ghamlet indicator filwaqt illi l-istess appellata ssostni illi l-manuvra ta' sorpass l-appellant ghamilha fil-mument meta hi kienet wieqfa u kienet ser tibda ddur lejn il-lemin biex tidhol fil-car park. L-appellata ma tiftakarx jekk kienitx jew le ghamlet l-indicator ghalkemm donnu ttendi biex tghid li ghamlitu.

Dan il-punt krucjali tas-sinistru jipprezenta lill-Qorti b'sitwazzjoni fejn fl-ahjar ipotesi ghal kull wiehed minnhom, iz-zewg sewwieqa kienu qeghdin jittantaw jaghmlu manuvra perikoluza. Minn banda wahda l-konvenuta appellata kienet ser iddur lejn il-lemin taghha, tittraversa l-karreggjata izda r-rata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta bil-possibbilita' wkoll illi dik l-istess karreggjata setghet tkun uzata minn traffiku gej minn warajha jsuq fl-istess direzzjoni taghha, li ball-appellant Darmanin ikun qed jaghmel sorpass. Mill-banda l-ohra l-istess appellant Darmanin kien qieghed jittanta l-manuvra ta' sorpass f'punt ta' triq fejn mhux biss kien hemm road junction imma wkoll kien hemm il-linji doppji bojod jiddividi t-triq interrotti, b'mod li allura kien hemm il-possibbilita' illi l-vetturi ta' quddiemu jaghzlu li jiksru lejn il-lemin proprju

biex jidhlu fil-parking area kbir quddiem il-Belleview. Iz-zewg manuvri kienu jirrikjedu ovvjament attenzjoni kbira miz-zewg sewwieqa li kellhom ikunu certi illi ma jazzardawx jibdewhom qabel ma jkunu assolutament zguri li setghu jissoktawhom u jtemmuhom b'success bla perikolu ghall-vetturi ohra.

Rinfaccjata b'zewg verzjonijiet daqstant dijametrikament opposti, l-Qorti kellha necessarjament tigi gwidata b'zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha ;

1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra ; u

2. Fin-nuqqas, kellu japplika l-massima "actore non probante reus absolvitur." Dana ghaliex anke f'kazi ta' din ix-xorta kien jispetta lill-attur illi jipprova l-premessi ghat-talbiet tieghu l'iprem fosthom li r-responsabbilita ghas-sinistru kellha tigi akkolata lejn il-konvenuta.

Hi allura sfortunata c-cirkostanza fil-kaz taht ezami illi mill-atti ma tirrizulta l-ebda prova dwar is-sinistru hlief dak li ddeponew il-kontendenti. jIrrizulta illi ma kienx possibbli ghall-ufficjal tal-Pulizija illi nvestiga l-kaz illi jipproduci skizz tal-habta proprju ghaliex il-vetturi ma kienux thallew fil-post kif spiccaw wara l-impatt. Effettivament l-istess

konvenuta tammetti illi mad-daqqa li kienet wahda hafifa, hija baqghet tipprocedi ghall-parkegg fejn xtaqet tmur. Hu sinifikattiv f'dak li hemm indikat fl-accident report illi l-vettura tal-appellata ma kienet garrbet l-ebda hsarat.

Ir-rikors tal-appell li hu wiehed lodevoli ghat-tentattiv li ghamel biex mill-provi skarsi ta' din ix-xorta jipprova jibni kaz biex jiskredita d-deposizzjoni tal-appellata u jirrendi dik tal-appellant Darmanin ghal kollox kredibbli jibqa' bilfors pero' mankanti minn dik il-konvinzjoni, bazata anke fuq bazi ta' probabilita' li temergi mill-korrabozzjoni essenzjali biex l-atturi jipprovaw il-premessi taghhom. Hu proprju minhabba f'hekk illi din il-Qorti ta' revizjoni ma tistax issib raguni biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti. Dan proprju ghaliex ma jokkoruliex f'dawk ic-cirkostanzi illi serjament jiskossaw tali apprezzament jew li jikkonvicuha illi jekk is-sentenza appellata tigi kkonfermata tkun ser tigi krejata l-gustizzja. Infatti din il-Qorti tqis ir-rikors tal-appell bhala analizi korretta u minizjuza tar-responsabbilitajiet taz-zewg drivers involuti fl-incident pero' analizi li tipprezumi bhala korretta l-verzjoni moghtija mill-appellant Darmanin. Analizi li ma tikkonvincix fuq il-punt krucjali tal-kawza, dak cioe' li tigi stabbilita fuq bazi ta' probabilita' li kienet il-verzjoni tal-appellant u mhux dik tal-appellata li kien jisthoqqilha oggettivament li tigi meqjusa bhala l-aktar kredibbli u attendibbli. Una volta l-atturi jfallu f'din il-prova li kienet kif inghad tispetta unikament lilhom, din il-Qorti kellha necessarjament

tasal ghall-konkluzjoni illi huma ma kienux irnexxielhom jippruvaw il-premessi ghat-talbiet taghhom. Dan anke allura qed jigi koncess illi l-provi ma kienux cari li kellhom iwasslu, kif wasslu lill-ewwel Qorti ghall-konvinciment illi l-htija ghall-akkadut kellha tigi kollha kemm akkollata lill-appellant Darmanin. L-aggravju tal-appellanti ma setghax allura jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg

mg